**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 232/19 AGV**

**AB**
**Vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-20 ta' Mejju, 1990 (ara dok.1 anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel illi illum huwa maggorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Pubbliku Dr. Claire Camilleri fit-13 ta' Novembru, 2009 (Ara Dok.2 anness).

3. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minhabba illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn, filwaqt li l-esponent ghandu familja gdida.

4. Illi ma hemm ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li t-tifel illum huwa maggorenni u hemm ftehim dwaru stante illi ghadu jistudja.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

   1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
   2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ragjonevoli imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimata m'opponitx ghat-talbiet indikati.

Rat l-affidavit tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom isseparati legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr.Claire Camilleri datat 13 ta’ Novembru, 2009.

Illi m’hemmx arretrati ta’ manteniment.

Ir-rikorrent ukoll ipprova li ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni u llum ighixu hajja separati minn xulxin.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**